**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 45/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs.**

**Guseppi Abela**

Illum it-31 ta' Mejju 2022

Il Qorti:

Lil Guseppi Abela ta' Lil: Guseppi Abela ta' 65 sena, detentur tal-karta ta' l-identita 0877853M imwieled gewwa Zabbar nhar it-12 ta' Dicembru, 1953, iben Rosario u Caterina nee' Abdilla u residenti fil-fond bin-numru 10, Sqaq San Frangisk, Zabbar :

Billi inti akkuzat talli nhar is-27 ta' Settembru, 2018, u fil granet, gimghat u xhur ta' qabel gewwa Zabbar, b'diversi atti magħmula minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1) Minghajr kawza ragonevoli inqast milli twiegeb ghall xi mistoqsija li saritlek minn veterinarju ufficjali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 56 tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi bhala sid, detentur, negozjant jew importatur, destinarju, trasportatur, bejjiegh bl-imnut jew kull persuna ohra awtorizzata taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Att 437 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, ghalf ta' l-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew rapprezentant ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attivita veterinarja privata, m'osservax kull obligazzjoni imposta fuqu taht l-Att 437 li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed, bhala persuna li kellu jidentifika u jirregistra annimali u jiddikjara caqlieq ta' annimali li kienu taht ir-responsabilita' tieghu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35 (1)(c) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi gieghelt animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zammejt jew qbilt li zzomm annimali minghajr ma kont responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ma hadtx dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet ta' annimal li kont responsabbli ghalih, jew li qbilt li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg

bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar it-3 ta' April 2019 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 permess ta' digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2019 il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[3]

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2022[4] l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

[1] Folio 27 ta' l-atti processwali
[2] Folio 50-52 ta' l-atti processwali
[3] Folio 55 ta' l-atti processwali
[4] Folio 77 ta' l-atti processwali

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2022.[5]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2022 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

[5] Folio 78-79 ta' l-atti processwali

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[6] li ma fiha xejn alarmanti u jinsabu zewg sentenzi ta' natura kontravenzzjonali li saru madwar hamsin sena ilu.

- L-ammissjoni ta' l-imputat. Illi din il-kawza kienet intiza biex tibda nhar il-25 ta' Jannar u sar l-ezami ta' l-imputat nhar it-3 ta' April 2019. Illi jirrizulta li tul il-proceduri tressqu zewg xhieda sakemm irregistra ammissjoni l-imputat. Jirrizulta wkoll li certu delongar kien attriwibbli ghal-diskuzzjonijiet dwar possibilita ta' pattegjament fuq piena ma' l-ufficju ta' l-Avukat Generali li qatt ma taw frott. L-imputat irregistra ammisjsoni tieghu waqt li l-prosekuzzjoni kienet ghadha fl-istadju tal-provi. B'hekk ghalkemm l-ammissjoni saret qabel il-prosekuzzjoni qalet il-provi taghha fattwalment, ma jistax jinghad li saret fi stadju bikri, izda lanqas ma saret fi stadju avvanzat tal-proceduri.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[7], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[8], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[9] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[10]

  Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Qorti dahhlet f'certu xoghol u spejjez sabiex tinstema din l-kawza izda kif inghad iktar il-fuq l-Qorti tirrikonoxxi l-ammissjoni ta' l-imputat saret fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

---

[6] Folio 6 ta' l-atti processwali
[7] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[8] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[9] Thomson Reuteurs, S-29
[10] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Illi jirrizulta li l-vittma Carmelo Sammut sal-llum qatt ma thallas ghal-hsara, liema valur tal-hsara qatt ma gie stabbilit stante li l-parte civile ghazel li ma jixhidx.

- Il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha ghamlet referenza ghas-sentenza **Pulizija vs Anthony Bonnett**[11] fejn il-Qorti kienet tat piena ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1200) u tissugerixxi li din il-Qorti tikkunsidra taghti l-istess multa. Il-prosekuzzjoni tenniet ukoll li dawk l-annimali gia konfiskati jibqghu hekk ikkonfiskati b'mod permanenti.

- Id-difiza abbracjat ruha ma dan is-suggeriment tal-prosekuzzjoni.

- Illi dan l-incident sehh f'Settembru tas-sena 2018. Il-piena fiz-zmien meta twettqu dawn ir-reati fir-rigward tat-tielet, r-raba' u l-hames imputazzjonijiet kienet, skond l-Att XXXV tal-2014 kif ser jinghad: *"(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien"*

- Illi tenut kont tar-reati kollha, inkluz dawk komprizi u involuti, il-Qorti tqis li l-piena suggerita mill-partijiet hija taht il-minimu permessibli u ghaldaqstant mhijiex legalment proponibbli.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the*

[11] Magistrat Dr. Aaron Bugeja,

*protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

- Illi fir-rigward tal-ahhar tliet imputazzjonijiet, ossija dawk imsejsa taht il-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tosserva li l-imputazzjonijiet jirrisalu ghall-2018. Dak iz-zmien il-ligi (skond l-Att XXXV tal-2014) il-piena applikabbli skond l-artikolu 45 (1) kien ta' mhux anqas minn €1,000 u mhux aktar minn €55,000.

- Illi l-Qorti tosserva wkoll li l-ahhar tliet imputazzjonijiet jirreferu ghall-istess atti u fatti, u konsegwentement sejra tqis ir-raba' u l-hames imputazzjoni bhala reati komprizi fit-tielet imputazzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikoli 56(c)(i) u 35(1)(c) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 8(2), 8(3) u 8(4), kif ukoll l-artikolu 45 (1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta (kif emendat bl-Att XXXV tal-2014), kif ukoll wara li rat l-artikolu 17 (f) tal-Kodici Kriminali, issib lil Guseppi Abela, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah multa ta' elfejn Euro (€2,000).

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni minnha stante li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti tordna li l-annimali kollha li jissemmew fir-rapport tas-Servizzi Veterinarji u li dwarhom gew indikati illegalitajiet li taghhom gew misjuba hatja l-akkuzat[12] jghaddu immedjatament taht il-kustodja tal-istess Dipartiment. Dan id-Dipartiment qed jigi awtorizzat, f'kaz li jigi deciz minnu li tali annimali ma jistghux jinzammu minnu, li permezz ta' talba maghmula appozitament jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex l-annimali kkoncernati jew xi wiehed minnhom jghaddu fl-affidament ta' terzi.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 16(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta tordna r-revoka ta' kwalunkwe permess mahrug taht dawn ir-regolamenti u l-konfiska, zamma u tnehhija tal-*corpus delicti.*

Fil-konfront ta' l-ispejjez maghmula mid-Dipartiment ghas-Servizzi Veterinarji bhala rizulta ta' dan ir-reat, din il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 16(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta peress li tali spejjez baqghu ma gewx ikkonfermati bil-gurament mid-dipartiment ikkoncernat u lanqas ma gew ikkwantifikati fl-intjier taghhom.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ta' kopja skennjata ta' l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza fit-terminu ta' sitt (6) ijiem tax-xoghol skond il-Ligi.

[12] Dok JZ1, Folios 32-48 ta' l-atti processwali

**Moghtija illum nhar il-31 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**